***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta, 27 ta' Novembru 2018.**

**Rikors Numru: 1751/2018/1 LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1751/2018/LSO fl-ismijiet:-**

**Kevin Attard KI 031067M**

**vs**

**Philip Cardona (Passaport Malti 1104928) u Mario Cardona (Passaport Malti 1105513)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Kevin Attard pprezentat fit-30 ta' Ottubru 2018 inghad bil-qima u gie kkonfermat bil-gurament :

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta`, u b'mod partikolari:

Il-proprjetajiet immobbli appartanenti lill-intimati Philip Cardona u cioe` il-fond "Philshir" Fra Fre Mattei Str. Zebbug u inkwantu l-intimat Mario Cardona l-immobbli bl-isem "First Sight" Gharram Rd. Zebbug.

Illi inoltre, l-intimati ghandhom ukoll jigu inibiti bis-sahha ta' dan il-mandat milli jitrasferixxu kwalsiasa proprjeta` immobbli ohra appartanenti lilhom;

Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija msejsa fuq agir li rrevoka danni kbar lir-rikorrent, fosthom izda mhux biss in-nuqqas tal-intimati li jitrasferixxu ishma ta' socjeta` (KPM Marine Services Ltd (67876) fuq ir-rikorrenti sabiex per konsegwenza fost l-ohrajn jigi trasferit bastiment fuq l-esponenti;

Il-pretensjoni tad-danni tal-esponenti hija ahjar imfissra f' rikors guramentat fl-ismijiet "Attard vs Cardona et" Rik Nru 623/18 RM;

Illi jekk ma jigix mahrug dan il-mandat ta' inibizzjoni l-esponenti ser isofri pregudizzju kbir inkwantu, l-intimati ma jifdlilhomx likwidita` ta' assi biex ihallsu tal-eventwali danni likwidati a favur tieghu.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet tat-30 ta' Ottubru 2018 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-15 ta' Novembru 2018, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Philip Cardona u Mario Cardona datata 2 ta' Novembru 2018 a fol 6 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-Hamis 15 ta' Novembru 2018 fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr Edward Gatt. Dehru l-intimati assistiti minn Dr Keith Borg. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet: Dr Edward Gatt u Dr Keith Borg, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Edward Gatt ghar-rikorrent intrabat illi l-valur li ha jkun indikat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni meta t-trasferiment eventwalment jigi processat ser ikun il-valur fl-iskrittura ta' ftehim li l-partijiet ghamlu bejniethom datata 4 ta' Gunju 2018, Dok 'F' mar-risposta tal-intimati. Il-kawza giet differita ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET:

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent qed jitlob il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex jinzammu l-intimati milli jbieghu, inehhu, jitrasferixxu jew jiddisponu *inter vivos* jew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta` partikolarment il-fond "Philshir" Fra Fre Mattei Street, Zebbug, u "First Sight" Gharram Rd. Zebbug, u ta' kwalsiasi proprjeta` ohra appartenenti lilhom.

L-intimati opponew billi sostnew li l-mandat odjern hu frivolu, malizzjuz u vessatorju. Illi gie eccepit li l-bastiment "Alice" ilu mill-4 ta' Gunju 2018 li jinsab fil-pussess esklussiv ta' Kevin Attard. F'dik id-data giet iffirmata skrittura ta' transazzjoni bejn il-partijiet, esebita bhala Dok 'F' mar-risposta. Gie eccepit ukoll li l-elementi rikjesti bil-Ligi ghall-hrug tal-mandat ma jezistux.

Illi dan il-Mandat qed jintalab *ai termini* tal-**artikolu 874 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rizultanzi fattwali:**

Illi r-rikorrent u l-intimati ffirmaw skrittura ta' transazzjoni dwar il-vertenzi ta' bejniethom, datata 4 ta' Gunju 2018, esebita bhala Fok 'F', mar-risposta tal-intimati. Illi l-intimati qed jilmentaw li dakinhar stess tal-iffirmar tal-iskrittura, Kevin Attard talab u ottjena l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru fil-konfront tal-intimati ghas-somma ta' Ewro260,000, kif jidher minn Dok 'J' esebit mar-risposta. Illi r-rikorrent qed

jilmenta li in segwitu ghall-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet, l-intimati naqsu li jitrasferixxu l-ishma taghhom fis-socjeta` KPM Services Limited fuq ir-rikorrent. Ghalhekk, hu ipproceda bit-talba ghall-hrug tal-Mandat biex jikkawtela d-drittijiet tieghu ghall-kreditu minnu pretiz.

**Dritt:**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat **(Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Rat li l-mandat kif ifformulat sar fit-termini **tal-artikolu 874 tal-Kap 12** u ghalhekk, skont l-istess disposizzjoni kif assodata wkoll fil-gurisprudenza taghna, mhuwiex mehtieg li r-rikorrent jipprova li l-hrug tal-mandat huwa mehtieg irrimedjabbilment izda l-kreditu ghandu jeccedi l-ammont ta' €11,646.86 u l-kreditu jrid jirrizulta *prima facie*.

Ir-rikorrent ghalhekk ghandu juri biss li jkun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[1] Ir-rwol ta` din il-Qorti fi procediment specjali bhal dak tal-lum huwa limitat f`li tistabbilixxi jekk ir-rikorrenti ghandhiex inkella le jedd *prima facie* kontra l-intimati. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza "***Grech pro et noe vs Manfre*"** ir-rekwizit tal-jedd 'prima facie' huwa oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant; jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-

[1]Ara f'dan is-sens "***Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*** " P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

finijiet tal-hrug tal-mandat. Hu pacifiku li l-ezami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'ghandhiex tkun wahda approfondita imma limitata ghall-apprezzament tal-elementi guridici u fattwali fuq bazi *prima facie*. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta`, disaġju jew tħassib.[2]

Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Tajjeb li jkun riaffermat li l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. L-analizi li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju hu jekk bl-agir li qed jilmenta minnu r-rikorrent jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li r-rikorrent jidher li ghandu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar pretensjonijiet fil-mertu, izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt ghal dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

---

[2]Qorti tal-Kummerċ 26.05.1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Cassar Pullicino** ***noe. vs.*** **Caruana Curran** ***noe. et.*** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

Rat ukoll li *ai fini* tal-**artikolu 874(2**) kif emendat bl-Att XIV tas-sena 2016, gie esebit abbozz ta' nota ta' iskrizzjoni biex tigi registrata fir-Registru Pubbliku f'kaz li t-talba odjerna tigi milqugha.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd *Prima facie***

Illi r-rikorrent qed jittenta iwaqqaf lill-intimati milli jitrasferixxu, ibieghu, inehhu jew jiddisponu *inter vivos* b'titolu oneruz jew gratuwitu, tal-proprjeta` imsemmi fir-rikors. Ir-rikorrent qed jikkontendi, *tramite* l-avukat difensur tieghu fit-trattazzjoni, li l-partijiet ghandhom ishma fis-socjeta` KPM Marine Services Limited, u skont l-iskrittura ffirmata bejniethom, Dok F, l-ishma ta' din is-socjeta` kellhom jigu trasferiti fuq Kevin Attard, izda dan ma sarx, *stante* li l-Form K *ai fini* tar-Registru tal-Kumpanniji, kien ghadu ma giex iffirmat mill-intimati, minkejja interpellazzjoijiet mibghuta mir-rikorrent.

Jibda biex jinghad li mhuwiex ikkontestat mill-intimati li l-Form 'K' rikjest ghar-registrazzjoni ta' tibdil fl-isem tad-Diretturi ta' kumpannija ghadu ma giex iffirmat u mibghut lir-Registru tal-Kumpanniji. Ir-rikorrent jishaq li dan kollu qed jikkagunalu problemi u anke danni fil-kors tal-attivita' kummercjali tieghu billi l-partijiet ghadhom kollha indikati bhala d-Diretturi tas-socjeta` KPM Marine Services Limited.

L-intimati irribattew fit-trattazzjoni, *tramite* l-avukat difensur taghhom, li minn dakinhar tal-iskrittura ta' ftehim, il-

bastiment "Alice", l-unika assi tas-socjeta`, kien fil-pussess esklussiv tar-rikorrent. Min-naha l-ohra, gie sottolineat fit-trattazzjoni mill-avukat difensur tar-rikorrent, li *nonostante* li l-bastiment jinsab fil-pussess tar-rikorrent, it-titolu tal-bastiment ghadu jghajjat lis-socjeta` KPM Marine Services Limited. Ghalhekk, gie sostnut li l-bastiment jappartjeni lis-socjeta` KPM Marine Services Limited u l-intimati huma azzjonisti u diretturi fl-istess socjeta` flimkien mar-rikorrent ladarba ghad ma sarx it-trasferiment permezz tal-Form 'K'.

Illi l-intimati qed jissottomettu li ma jezistix il-jedd *prima facie* u lanqas l-element tal-irrimedjabilita` *stante* li l-bastiment jinsab ghall-uzu esklussiv tar-rikorrent, kwindi ma jistax ikun li qed isofri danni u ma setax bata pregudizzju ladarba l-bastiment jinsab fil-pjena disponibbilita` tieghu. Inoltre` l-intimati sostnew ukoll, li l-valur tal-bastiment jesorbita l-ammont ta' Ewro163,500 versati permezz tal-ftehim Dok 'F'.

Ikkunsidrat, li l-isfond tal-kaz fil-mertu, kif trattat u kif riprodott fir-risposta tal-intimati, jesorbita mill-indagni odjerna. Lanqas m'ghandu rilevanza ghall-kaz in ezami l-ilment tal-intimati li gew rinfaccjati b'Mandat ta' Sekwestru dakinhar stess tal-iffirmar ta' skrittura ta' transazzjoni datata 4 ta' Gunju 2018.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, fic-cirkostanzi, ladarba huwa affermat u kkonfermat mill-partijiet li ghad ma sarx it-trasferiment abbazi tal-Form 'K' mar-Registru tal-Kumpaniji, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrent ipprova, almenu fuq bazi *prima facie*, li ghandu dritt jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu rigwardanti l-kreditu minnu petiz.

## III. DECIDE.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, taqta' u tiddeciedi, billi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mir-rikorrent u li wkoll jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati, tilqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimati kif dedotta fir-rikors.

Bl-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Novembru 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Novembru 2018**